# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Anzjan Trevor Micallef]**

**vs**

**-Omissis-**

**John Dyer**

**Kumpilazzjoni Numru: 397/18**

**Illum, sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru, 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- u John Dyer detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 542458M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Gunju 2018 u fix-xhur ta' qabel/sena ta' qabel, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru 'l istess

disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta):

Lil -Omissis-

-Omissis-

Lill-John Dyer wahdu talli:

Ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa Basic Food and Drinks li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew mill-vicinanzi ghad dannu ta' Ryan Jason Dimech u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-'mezz', bil-'valur' (li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centesmu (Euro 2,329,37) u bil-'hin' (Art 261(c)(b), (f), 263(a) 264(1), 267, 270, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

John Dyer akkuzat aktar talli kiser Ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin, liema Ordni inghatat nhar il-05 ta Ottubru 2016 mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbatax (14) ta' Awwissu 2020 fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom jitlob li ghandha tinstab htija fil-konfront ta' John Dyer u cioe':-

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal datat tnejn (2) ta' Novembru 2020 fejn inqraw l-Artikoli u fejn l-imputat John Dyer iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Mejju elfejn tnejn u ghoxrin (2022) l-imputat John Dyer irregistra ammissjoni tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 17, 31, 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat John Dyer hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin filwaqt li b'zieda ghall-ewwel (1) akkuza tpoggih taht Ordni ta' Servizz fil-komunita' ghal erbghin (40) siegha, liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat John Dyer l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finlament il-Qorti spjegat ukoll fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ma tigix obduta.

___________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**